MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Numru. 794/2011

Il-Pulizija
(Sp Therese Sciberras)
vs
Giolconda Dan, bint Vasile, imwielda Babeni, Rumanija fit-8 ta’ Mejju, 1973, Passaport numru 15269317
u
Elisa Caldararu, bint Dan, imwielda Vilcea, Rumanija fis-26 ta’ April, 1979, Karta ta’ l-identita rumena numru VX 291029
u
Selvena Constantin, bint Polidor, imwielda s-Slovacia fis-16 ta’ Marzu, 1992, Karta ta’ l-identita rumena numru VX 413651
u
Elvira Baicu, bint Smarandache Constantin, imwielda Bunesti Vilcea, Rumanija fit-13 ta’ Frar, 1979, Karta ta’ l-identita rumena numru VX 264844

Il-Qorti
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli fit-3 ta' Lulju, 2011 f'xi ħin bejn nofs il-lejl u it-tmienja ta' fil-għaxija, gil-Gżejjer maltin, f'San Pawl il-Baħar bil-ħsieb li jagħmlu delitt urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom, waħħlu fuq merkanzija deskrizzjoni kummerċjali falza, jiġifieri waħħlu, iffalsifikaw jew biddlu ċifra, kelma jew marka illi skont l-użu tal-kummerċ tiswa biex turi n-numru, il-kwantita', il-kej;, il-qies jew il-piz tal-merkanzija;
2. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi bil-ħsieb li jagħmlu delitt urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom xjentement qedu fiċ-ċirkolazzjoni, biegħu jew żammew għandhom għall-bejgħ jew impurtaw għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbħin b'qerq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Lulju, 2011 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom.  Rat l-artikoli 41 u 298(1)(e)(f) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lil kull waħda mill-imputati għal piena ta' xahrejn priġunerija.  Kwalunkwe perjodu ta' arrest preventiv għandu jitnaqqas minn tali perjodu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------